# LILL-BAĦAR

X'ħin nilmħek, bħal mèra,
bla kemxa, bla nikta,
fil-ħlewwa tas-sikta,
f'dak kobrok bla qies,

tfakkarni f'Mîn ħalqek,
f'dak kobru tal-għaġeb,
din qalbi tistgħaġeb
kemm ħabbna l-Ħallieq.

X'ħin nilmaħ dak wiċċek
bis-sikta jitbiegħed,
jitqalleb u jriegħed
il-qlûb tal-bnedmin,

mewġietek li jaħbtu
għall-plajja ġeblija,
b'damdima qawwija,
minfuħa mir-riħ,

juruni bid-dieher
dik l'îd li ħâlqitek,
felħana w-għalqitek
ġo nofs l-artijiet.

Dlonk toħroġ minn fommi
minn qalbi ferħana,
il-għajta felħana:
ja Alla, x'int cbir!

Ilqagħha, ja baħar,
minn tiegħi t-tislima,
niżżik ħajr bil-qima
li wrejtni l-Ħallieq!

**Dun Pietru Pawl.**